**MALTA**

# KAMRA TAD-DEPUTATI

## KUMITAT PERMANENTI GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

*(Rapport Uffiċjali)*

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Laqgħa Nru. 88**

**It-Tlieta, 24 ta' Lulju, 2001**

**Stampat fl-Uffiċċju ta' l-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz Lm1**

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Laqgħa Nru. 88**

**It-Tlieta, 24 ta' Lulju, 2001**

**Il-Kumitat iltaqa' fil-Palazz, il-Belt Valletta, fis-7.12 p.m.**

**Talba**

# MINUTI

*Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 87 li saret fl-18 ta' Lulju, 2001 kienu konfermati.*

## ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IS-SOĊJETAJIET KOPERATIVI

## *CO-OPERATIVE SOCIETIES BILL*

*Skond riżoluzzjoni tal-Kamra fis-Seduta Nru. 554 tat-18 ta' Ġunju, 2001 il-Kumitat iltaqa' biex jikkonsidra dan l-Abbozz ta' Liġi.*

*L-Onor. Anthony Abela, President tal-Kumitat, ippresjiedi.*

*(Ikompli mit-18 ta' Lulju, 2001)*

**Klawsola 17** – Pieni Amministrattivi.

***Clause 17*** **–** *Administrative Penalties.*

*(Posposta fit-18 ta' Lulju 2001)*

**THE CHAIRMAN:** Il-Viċi Prim Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, dan l-artiklu 17 konna pposponejnieh għax qamet id-diffikulta` dwar id-dritt ta' l-appell. Fil-ġranet li għaddew kelli l-okkażjoni li niddiskuti dan il-punt mal-Bord tal-Koperativi u l-pożizzjoni li qegħdin nieħdu f'din il-liġi hija li dejjem hemm id-dritt ta' *judicial review* mogħti mil-liġi ġenerali.

Ir-rakkomandazzjoni min-naħa tal-Bord hija li m'għandux ikun hemm tribunali oħrajn fil-liġi stess li jkopru xi proċess ta' appell mid-deċiżjonijiet tal-Bord għax diġa` hemm id-dritt ta' *review* tad-deċiżjoni amministrattiva mogħti mil-liġi ġenerali. Dak id-dritt huwa appellabbli, jiġifieri diġa` jeżisti l-proċess ġudizzjarju li jirrevedi d-deċiżjoni amministrattiva ta' piena amminsitrattiva billi wieħed jirreferi l-każ lill-qorti u l-qorti fil-proċess intern tagħha għandha wkoll il-proċess ta' l-appell. Hemm biżżejjed *safeguards* għad-drittijiet tal-persuna kkonċernata li jekk jidhrilha li ġiet trattata ħażin jew il-prinċipji tal-ġustizzja naturali ma ġewx applikati tkun tista' tieħu l-passi bil-qorti biex id-deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-Bord tiġi riveduta mill-qorti. Qiegħed ngħid dan biex inwieġeb għall-punt dwar il-kwestjoni ta' l-appell.
Punt żgħir ieħor li semma' l-Onor. Anġlu Farrugia d-darba l-oħra u li l-Avukat Fabri kkonfermali huwa li din hija s-sistema li teżisti fil-*Broadcasting Authority* u fil-*Financial Services Act* ukoll. Fil-*Companies Act* il-proċedura hija l-istess bid-dritt ta' pieni amministrattivi, m'hemmx appelli pero` hemm il-*judicial review* bil-proċess ġenerali.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Qiegħed nifhem li f'dan ir-rigward qegħdin tistrieħu biss fuq appell li tagħtik il-liġi b'mod ġenerali fuq il-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Jekk il-Bord ma jkunx mexa skond il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ikun mar kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta, il-persuna kkonċernata tkun tista' tmur *on that basis*. Imma kif ġiet, jekk per eżempju, waqt li tkun għaddejja nkjesta u l-Bord ikun qiegħed jinvestiga l-każ, inqajjem punt ta' liġi u ngħid lill-Bord li m'huwiex kompetenti biex jinvestigah minħabba li jaqa' taħt liġi oħra, u l-Bord jiddeċiedi li għandu d-dritt u xorta jiddeċiedi, ma nistax nappella għax l-appell li joħroġ mil-liġi ġenerali jista' jkun biss fuq affarijiet bażiċi ta' proċedura. Hemm il-kwestjoni tal-*principles of natural justice* u l-kwestjoni tal-Kostituzzjoni biss.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Il-parti tal-liġi amministrattiva li għandha x'taqsam mal-*judicial review of administrative decisions* tgħid li jekk ikun hemm punt ta' liġi jew applikazzjoni ħażina ta' liġi, id-

deċiżjoni amministrattiva tkun soġġetta għall-*judicial review*. Hemm erba' sentenzi tajbin li jmorru lura għaż-żmien ta' l-Imħallef Caruana Curren li daħlu f'dawn l-aspetti.

Id-deputati tan-naħa ta' l-Oppożizzjoni qajmu l-punt li jekk bniedem jiġi akkużat, x'proċess għandu għad-dispożizzjoni tiegħu f'każ li jkun irid jikkontesta xi deċiżjoni li tkun ittieħdet minn dan il-Bord u tkun timponi piena amministattiva? Il-proċess huwa li fil-konfront tal-persuna li tkun weħlet il-piena amministrattiva l-liġi ġenerali tagħtih dak is-salvagward u tagħtih triq li biha jkun jista' jikkontesta dik id-deċiżjoni.

Ridt insemmi punt ieħor li qam mill-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici għan-naħa tal-Gvern li kien issuġġerixxa li l-*proviso* ta' l-artiklu 17 sub-artiklu 1 jiġi jaqra hekk:

> "Iżda qabel ma tibda din il-proċedura, il-Bord għandu jinforma lill-persuna kkonċernata b'dawn il-proċeduri, liema persuna għandha fi żmien 20 ġurnata minn meta tirċievi dak l-avviż l-opportunita` li tressaq l-ilmenti tagħha quddiem il-Bord permezz ta' ittra.".

M'għandix problema għaliex dak huwa l-ispirtu u hekk tkun spjegata ħafna aħjar milli kif inhi miktuba.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Naħseb li fl-emenda ta' l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici, *we are just duplicating* dak li diġa` hemm miktub fl-ewwel paragrafu ta' l-artiklu 17.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, hemm differenza kbira għax qiegħed inneħħi l-kliem *"provided that before the penalty is imposed"* u minfloku se jkun hemm *"prior to the commencement of these procedures."* Il-kliem *"before the penalty is imposed"* jimplika li diġa` nstabet il-ħtija.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Il-Bord xorta se jkun obbligat bil-liġi li jinforma?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Naqbel ma l-emenda għax issa qiegħda iżjed ċara li l-ewwel ħaġa li jrid jagħmel il-Bord hija li jikteb lill-individwu u jgħidlu li qiegħed jagħmel l-inkjesta u li l-individwu għandu 20 ġurnata biex iwieġeb u jgħidlu għaliex m'għandux jieħu l-passi. Il-Bord ikun jista' jieħu deċiżjoni u jimponi multa wara li tidħol l-ittra.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Xorta nibqa' nsostni li jekk qegħdin ngħaddu liġi favur il-koperativi u għandna kull opportunita` li ndaħħlu d-dritt ta' l-appell li jkun jista' jinstema' mill-Bord tal-Koperattivi, għalfejn se noqgħodu nżidu l-burokrazija u nidħlu fil-qrati meta suppost qegħdin ngħaġġlu l-affarijiet u nagħmluhom iktar effiċjenti? Ma nistax nifhem għalfejn qegħdin nittrasferixxu l-*onus* fuq il-qrati u nneħħu d-dritt ta' l-appell b'dan il-mod.

Barra minn hekk nixtieq nistaqsi lill-Ministru x'inhija r-reazzjoni ta' l-għaqda tal-koperativi dwar din il-kwestjoni li m'għandhomx id-dritt ta' l-appell. Dawn jaqblu magħha jew huma kontra tagħha? Din hija l-iktar ħaġa importanti għax aħna ngħatajna l-impressjoni li din l-*issue* li m'għandhomx id-dritt ta' l-appell ma jaqblux magħha. Issa ma nafx jekk hux qegħdin jitkellmu mod magħna u mal-membri tal-Gvern qegħdin jitkellmu mod ieħor.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Se jagħmel intervent l-avukat David Fabri li ħadem fuq dan l-Abbozz ta' Liġi u huwa wkoll membru fuq il-Bord tal-koperativi.

**DR. DAVID FABRI:** Sur President, qabel dan l-artiklu kien jgħid li l-appell għandu jsir għand il-Ministru u hemm qbil li dan m'għandux jibqa' hekk. L-għażla hija jew se tafda l-appelli f'idejn dan il-korp li se jkun l-espert f'affarijiet tal-koperativi u li intom stess qegħdin twaqqfu jew inkella ma tafdahx. Fil-prattika jekk jitwaqqaf korp amministrattiv biex jieħu ħsieb l-appelli, tkun qiegħed iżżid l-ispejjeż. Mela b'xi mod trid tagħmel *panel* ta' nies esperti fejn wieħed ikun jista' jappella mid-deċiżjonijiet tal-Bord, li fl-aħħar mill-aħħar dawn mhux se jkunu komuni għaliex in-numru ta' koperativi eżistenti ma jaqbiżx il-50. Allura qegħdin ngħidu li rridu nwaqqfu *panel*, trid tħallsu u forsi kultant ikollu appell riferut lilu. Dan jista' jsir u hemm liġijiet li dan jippermettuh, pero` ma rridux ninsew li l-Bord m'għandux interess li jagħmel affarijiet b'mod li jista' jiġi kkontestat jew jispiċċa l-qorti jew jispiċċa

quddiem tribunal. Il-Bord jippreferi li meta tinqala' xi ħaġa bħal, per eżempju, l-*accounts* ma jkunux ingħataw jew ittra ma tkunx twieġbet, jaqbad u jagħti multa ta' Lm10 jew Lm50 eċċ.

Il-koperativi stess huma favur din il-miżura li biha nistgħu ninfurzaw ċerti deċiżjonijiet u ma ninsewx li l-massimu huwa ta' Lm1,000, jiġifieri mhux qegħdin insemmu flejjes kbar. Fis-servizzi finanzjarji l-korp amministrattiv bħall-*MFSC* għandu pieni sa Lm40,000 mingħajr rikors il-qorti. Il-Bord m'għandux interess li jirriskja li l-affarijiet ma jagħmilhomx sew jew jesaġera jew jiddiskrimina. Jien inkun fihom dawn il-bordijiet u l-aktar affarijiet li jaħlulek il-ħin u li tkun trid tevita kemm jista' jkun huma dawn it-tip ta' kwestjonijiet dwar inġustizzja minn naħa tal-Bord stess. L-ispirtu ta' din il-liġi huwa li qiegħed tafda dan il-bord amminstrattiv li m'huwiex bord tal-Gvern u allura wieħed jippretendi li jagħmel xogħlu sew. Jekk il-Bord jabbuża mil-liġi, jiddiskrimina, ma jagħtix ċans lill-partijiet jitkellmu jew ma jimxix b'mod proċedurali validu, il-koperativa għandha dawk ir-rimedji amministrattivi li tagħtiha l-liġi. Fil-fatt kont preżenti fil-*meetings* ta' l-*APEX* u fuq din ma kellniex problemi.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Jekk kemm-il darba l-Ministru qiegħed jgħid li tkellem magħhom u ma kienx hemm problemi, allura m'għandux għalfejn ikun hemm problemi min-naħa tagħna. Din qajjimniha fl-interess ta' kulħadd. Li rrid ngħid huwa li d-dritt li tagħtik il-liġi huwa rikors fil-Prim'Awla u mhux appell.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Qiegħed nara t-*text* tal-liġi kif kienet u din kienet tgħid hekk:

> "*An appeal shall lie to the Minister from any order made by the Co-operative's Board under subsection (1) of this section within two months from the date of the publication in the gazette of the order appealed against and the decision of the Minister on any such appeal shall be final and may not be called in question in any court.*".

Dan ifisser li kif inhi l-liġi sal-lum deċiżjoni tal-Bord titla' għand il-Ministru u li jiddetta l-Ministru ma jista' jikkontestah ħadd. Lanqas rikors il-qorti ma kont tista tagħmel. Permezz ta' din il-liġi, din il-klawsola ġiet eliminata u introduċejna d-dritt li deċiżjoni tal-Bord tista' tiġi kkontestata f'qorti.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Se niktbuha li deċiżjoni tal-Bord tista' tiġi kkontestata f'qorti jew hija mplikata?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Dik hija implikata.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Jiġifieri awtomatika?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Iva, awtomatika.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Kif kienet miktuba qabel fil-liġi, u naħseb li f'dan ir-rigward legali għandi raġun, għalkemm id-deċiżjoni tal-Ministru kienet waħda finali, fuq kwestjonijiet bħal per eżempju, proċedura kontra l-Kostituzzjoni xorta kelli d-dritt għal rikors il-qorti. GĦalhekk naħseb li qabel wieħed seta' jagħmel rikors il-qorti u llum se jkollu l-istess dritt. Apparti dan, irridu naraw li kemm jista' jkun l-individwu jkollu d-drittijiet issalvagwardjati. Jekk hemm deċiżjoni ħażina, per eżempju, il-Bord ta piena amministrattiva ta' Lm500 mentri l-koperativa taħseb li Lm500 hija esaġerata imma Lm100 tagħmel sens. F'dan ir-rigward ma nistax nappella għand il-Ministru u lanqas ma nista' mmur quddiem il-qorti nitlob *judicial review* għaliex il-qorti għandha ġurisdizzjoni biss fejn jidħlu *principles of natural justice*, ksur tal-Kostituzzjoni, diskriminazzjoni, eċċ.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Ma naħsibx li nistgħu nieħdu l-atitudni li għaliex ma qajmux oġġezzjoni ta' l-*APEX*, nistgħu nibqgħu għaddejjin. Personalment m'iniex komda bil-fatt li għandek Bord li huwa maħtur mill-Ministru, jagħmel ġudizzju, imbagħad l-appell jerġa' jispiċċa quddiem l-istess korp.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, mhux hekk qegħdin ngħidu.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jien ġejt tard imma smajt l-intervent ta' Dr. Fabri. Dr. Fabri qal li biex inkunu aktar effiċjenti u aktar *cost effective* mhux se noqogħdu noħolqu entita` oħra biex forsi xi darba jkun hemm xi ċans ta' appell. GĦalhekk jekk hemm lok għall-appell, dan se jmur quddiem il-Bord. Fhimt tajjeb jew le?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, l-aħħar biċċa m'hijiex hekk.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Mela spjegawli l-aħħar biċċa.

**DR. DAVID FABRI:** L-argument tiegħi kien li la qegħdin nafdaw fil-Bord biex jamministra din il-liġi allura qegħdin nassumu li jaf jimponi multa sa Lm1,000. M'huwiex każ ta' appell għaliex qiegħed jimponi l-multa hu stess.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** S'hawn fhimt, jekk aħniex se nsejħulu appell jew le hija kwestjoni oħra.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Li konna qegħdin ngħidu ftit qabel ma dħalt inti huwa li l-liġi ġenerali li għandna fil-pajjiż tipprovdi għal dak li jissejjaħ *judicial review of administrative decisions.*

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Mela se tiġi *questioned* fil-qorti.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Se tkun tista' tiġi kkontestata fil-qorti u għandek proċess ta' appell permezz tal-qorti u dak il-proċess għandu appell ieħor fuqu, il-proċess kollu ta' l-appell. Mela allura l-appell mhux se jsir mill-Bord imma mill-Qorti. Jekk wieħed weħel multa u jrid jikkontestaha mhux se jappella quddiem l-istess Bord imma jmur jikkontestaha quddiem il-qorti. L-avukat Fabri ġibdilna l-attenzjoni li din hija l-pożizzjoni fil-*Broadcasting Authority Act* u fil-Liġi dwar il-Kumpanniji.

**DR. DAVID FABRI:** Irridu noqogħdu attenti wkoll li biex jiġi *recovered penalty* il-Bord irid imur il-qorti jiġifieri għandek ċertu *safeguard.*

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Minkejja l-ispjegazzjonijiet li tajtuni xorta nħossni skomda, fis-sens li l-prosekuzzjoni u l-ġudizzju se jkunu f'idejn l-istess nies. Immaterjalment jekk l-*APEX* qablitx jew ma qablitx ma' din il-klawsola, jien xorta nibqa' nsostni li m'hijiex qiegħda tajba. Jista' jkun li l-*APEX* ma kinux daqshekk *legal minded* huma u jeżaminaw din il-klawsola. Nippreferi li jkun hemm xi ħadd li huwa estran mill-operat, mill-eżekuzzjoni normali ta' l-affarijiet u jkun jista' jħares lejn l-affarijiet b'lenti aktar oġġettiva.

Ma noqogħdux ngħidu li 40 koperativa huma ftit jew ħaġa jew oħra. Nafu mill-esperjenza li kellna każijiet fejn kien hemm koperativi li ma kinux komdi b'membri tal-Bord jew biċ-*Chairman* tal-Bord. Dawn huma fatti li għixnihom u nistgħu nerġgħu ngħixuhom għaliex wara kollox aħna bnedmin. Meta nwaqqfu entitajiet *ad hoc,* dawn ikunu maħsuba biex jiskansaw ċerti proċeduri mill-qrati tagħna u biex inħaffu l-affarijiet għall-finijiet taċ-ċittadini. Hawnhekk għandna *collectives* ta' ċittadini li huma l-koperativi. It-tribunal tal-konsumaturi tista' tmur għandu u tikkontesta l-affarijiet b'mod oġġettiv.

Punt ieħor huwa li ma naħsibx li għandu jkun hemm korp li noqogħdu nħallsuh b'mod fiss, imma tagħtih *renumeration per sitting* u m'għandhux għalfejn ikun hemm nies *full time* f'dan il-korp. B'hekk ikollna korp li jaspira aktar fiduċja u dak li jkun ma jkollux għalfejn jispiċċa l-qorti minħabba nuqqas ta' fiduċja fir-rigward tal-Bord. Ma rridux ninsew ukoll li l-koperativi mhux kollha jagħmlu l-eluf bħal *KPH* imma ħafna jagħmlu profitt bl-eżatt u hemm oħrajn li niddubita kemm qegħdin iwasslu biex iġibu bilanċ.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Hemm ukoll *limited liability companies* li huma żgħar.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Il-prinċipju bażiku tad-differenza li hemm bejniethom huwa li dawn mhux qegħdin hemmhekk biex ikabbru, imma qegħdin hemmhekk biex jaqalgħu l-għixien għall-

familji tagħhom. Rigward il-kwestjoni tal-proċeduri fil-qorti naħseb li huma aktar ta' tfixkil fejn għandhom x'jaqsmu l-koperattivi milli ta' ġid.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Xtaqt inkompli ma' dak li kienet qiegħda tgħid l-Onor. Marie Louise Coleiro. M'iniex konvint għax il-fatt li nistgħu mmorru l-qorti biex nappellaw effettivament se jkun biex niffrankaw il-flus. L-ewwelnett għalkemm m'iniex bniedem legali nista' nitkellem minn dak li nisma' mingħand iċ-ċittadini dwar id-dewmien esaġerat tal-qrati. L-Onor. Anġlu Farrugia qiegħed jgħidli li appell jaf idum sena u nofs il-qorti, jiġifieri anke l-istess Bord tal-koperattivi xorta nkunu qegħdin indaħħluh fi spejjeż legali esaġerati minħabba dan id-dewmien.

Hawnhekk qiegħed nipproponi bl-iktar mod sinċier u bl-iktar mod kostruttiv li nistgħu forsi naslu għal xi forma ta' tfassil fil-liġi u nużaw l-istess tip ta' mudell li kellna fil-liġi tal-*Health and Safety*. Fil-*Health and Safety* għandna Bord ta' appell imwaqqaf fih li l-President tiegħu huwa l-istess President tal-*Health and Safety Board*. Dan ifisser li mhux se jkollna *duplication of expenses*. Imbagħad nistgħu nużaw l-argument ta' l-Onor. Coleiro fejn dawn ikunu jistgħu jitħallsu *pro rata per sitting*. Jekk se nużaw l-argument li nistgħu mmorru l-qrati biex nappellaw, mela m'għandhiex għalfejn tiġi din il-liġi għaliex illum stess bħala ċittadin ċivili nista' mmur il-qorti biex nappella. It-tieni nett jekk se nibqgħu bl-idea li nistgħu mmorru l-qorti biex niffrankaw il-flus, naħseb li l-ispejjeż se jiżdiedu u mhux jonqsu jekk kemm-il darba hemm dan id-dewmien u l-burokrazija żejda fil-qorti. Qegħdin nagħmlu liġi biex niffaċilitaw il-ħajja tal-koperattivi u l-operat tagħhom u mhux biex nikkumplikawlhom il-ħajja iktar!

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Irridu noqogħdu attenti u naħseb li l-avukati forsi jifhmuhom ftit iżjed il-punti li se nagħmel. Malli nagħżlu t-triq ta' tribunal għall-appelli u biex jisma' proċeduri, f'kwalunkwe liġi inkluż f'din il-liġi tal-koperattivi, f'daqqa waħda nidħlu f'triq fejn irridu niggarantixxu li l-persuni li jintgħażlu biex imexxu dan it-tribunal huma indipendenti, awtonomi, nies ta' integrita` u nies li mhux qegħdin jiġu nfluenzati jew għandhom xi interess partikolari f'xi kwestjoni partikolari. It-triq tal-qorti tagħtik dan is-salvagward li inti qiegħed tuża sistema ġudizzjarja b'persuni li qegħdin fis-sedja awtonomi u indipendenti minn kwalunkwe influenza ta' kwalunkwe natura għad-deċiżjoni li huma jkunu jridu jieħdu. Jekk aħna nagħlqu t-triq lejn il-qorti u nifthu triq differenti lejn tribunal allura nidħlu f'kwestjonijiet ħafna iżjed delikati u kkumplikati.

Naħseb li naqblu kollha kemm aħna li jrid ikollna liġi effiċjenti li trid tiġi segwita mill-koperattivi. Hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq piena amministrattiva, jiġifieri koperattiva kellha tagħmel xi ħaġa skond il-liġi imma dik il-ħaġa m'għamlithiex. Hawnhekk m'aħniex nitkellmu fuq frodi jew korruzzjoni jew dawn l-affarijiet kollha għaliex dawk huma koperti b'liġijiet oħrajn. Din hija piena amministrattiva u huwa ċirkoskritt il-poter li jista' jittieħed f'każijiet bħal dawn. Irridu li jkun hemm l-effiċjenza u allura jekk koperattiva kellha tissottometti, per eżempju, l-*accounts* tagħha lill-Bord għaliex dawk huma pubbliċi u jridu jiġu investigati u vverifikati u din m'għamlithomx, allura teħel multa. Ma nixtieqx li noħolqu proċess li tant huwa kkumplikat li jridu jgħaddu s-snin qabel ma dik il-ħaġa tkun seħħet anke għat-trasparenza u għall-*accountability* taħt il-liġi stess.

Jekk naċċetta l-proposta li minbarra l-Bord għandu jkun hemm tribunal li jkun appell tad-deċiżjoni tal-Bord li mbagħad inevitabbilment anke d-deċiżjoni ta' dak it-tribunal tkun soġġetta għall-proċeduri ta' appelli jew *judicial review* oħra taħt il-liġi ġenerali, naħseb li nkunu ħloqna burokrazija inkredibbli, li ttawwal il-proċess u fl-opinjoni tiegħi b'intenzjonijiet tajba nkunu qegħdin inġibu riżultat ħażin. F'dan l-istadju rridu li jkun hemm ġustizzja fil-konfront tal-persuna li tkun qiegħda tiġi nvoluta f'dan il-proċess pero` li jkollna proċess effiċjenti. Nirrepeti, hawn qegħdin nitkellmu fuq deċiżjonijiet amministrattivi u allura huwa ċirkoskritt u mhux fuq kollox. Il-Bord m'huwiex qorti li se tisma' l-kwestjonijiet kollha li se jinqalgħu bejn il-koperattivi, imma fuq kwestjonijiet ta' amministrazzjoni għaliex koperattiva ma tkunx segwiet xi obbligu impost bil-liġi. It-tieni, b'din il-klawsola se jkollna titjib fil-proċess għaliex qiegħed jitneħħa l-Ministru min-nofs u qiegħda titneħħa min-nofs ukoll il-klawsola li kien hemm li ma tistax tmur il-qorti. Il-punt li għamel l-Onor. Farrugia li xorta għandi d-dritt immur il-qorti ma naħsibx li huwa korrett għaliex il-liġi hija ċara daqs il-kristall u tgħid hekk:

"Jista' jsir appell lill-Ministru minn kull ordni tal-Bord tal-koperativi skond subartiklu (1) ta' dan l-artiklu fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta ta' l-ordni li dwaru jsir l-appell u d-deċiżjoni tal-Ministru fuq kull appell bħal dak tkun finali u ma tista' tinġieb quddiem ebda qorti ebda kwestjoni dwarha".

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Ma nistax fuq il-mertu, imma nista' mmur fuq kwestjonijiet oħra.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Din hija ordni amministrattiva, jiġifieri ma tistax tikkontesta punt ta' liġi. Allura d-deċiżjoni tal-Ministru hija finali.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Li rrid ngħid huwa li llum inti ma żidt xejn għaliex issa stess nista' mmur quddiem il-Prim'Awla għax dejjem kelli dak id-dritt.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, bir-rispett kollu.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Iva, hekk qiegħda. Illum stess nista' niftaħ kawża l-Prim'Awla fuq kwestjonijiet ta' *judicial discretion*, diskriminazzjoni, *principles of natural justice* u fuq ksur ta' proċeduri li jmorru kontra l-Kostituzzjoni.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Kif inhi l-pożizzjoni llum jekk koperativa weħlet multa amministrativa ta' Lm500 u l-Ministru kkonferma l-Lm500, l-ebda qorti ma tista' tindaħal fid-deċiżjoni tal-Ministru dwar il-multa amministrattiva. Il-liġi stess qiegħda tgħid li ma tistax tikkontesta dik id-deċiżjoni fil-qorti. Tista' tiġi kkontestata l-qorti jekk il-Bord ma jkunx ta ċans lill-individwu jesprimi ruħu u allura ma jkunx segwa xi prinċipju ta' ġustizzja naturali.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Qabel stajt tmur quddiem il-Ministru biex tappella fuq kwalunkwe ħaġa, bħal per eżempju, fuq il-mertu tal-każ.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Mhux quddiem il-Ministru imma quddiem nies appuntati mill-Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ma jistax ikun li pass 'il quddiem niddeskrivuh bħala pass lura.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Nofs pass 'il quddiem imma għamilnilhom *cover*.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le! Illum il-pożizzjoni hija li tmur quddiem il-Ministru u ma tistax tmur il-qorti.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** F'dak is-sens għandek raġun.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Din għandha valur enormi u qiegħda titneħħa.

**ONOR. MARIE LOUSE COLEIRO:** Huwa minnu li issa mhux se tibqa' tmur quddiem il-Ministru u tista' tmur tikkontesta d-deċiżjoni l-qorti, pero` għandna quddiemna sitwazzjoni fejn il-Ministru se jaħtar nofs tużżana nies minn tiegħu, anke jekk ma jkunux tiegħu imma l-*perception* hija li dawn ikunu nies tiegħu, u minflok il-Ministru se jiddeċiedu huma.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Xi tridni nagħmel elezzjoni għall-Bord?

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Allura se nħalluhom jagħmluha tal-prosekutur u tal-ġudikant?! Apparti dan xtaqt nistaqsi wkoll mistoqsija fuq is-sustanza. Jekk xi koperativi ma jħallsux fil-ħin stipulat il-5% tar-residju lill-fond ċentrali, se jkun il-kompitu tal-Bord li jagħti l-piena amministrattiva?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** F'dan il-każ ma jistax ikun hemm piena amministrattiva. Hemm id-dritt li ssejjaħ lill-koperattiva biex tħallas l-ammont li huwa dovut mill-koperattiva lill-fond ċentrali. Il-piena amministrattiva tingħata meta koperattiva tkun obbligata li tippreżenta l-*accounts* u ma tippreżentahomx.

**DR. DAVID FABRI:** Se jkun obbligat li jagħmel hekk.

**ONOR. MARIE LOUSE COLEIRO:** Dan ifisser li se taqa' fil-kompitu tal-Bord ukoll.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Il-punt ta' tluq tiegħi huwa li m'għandux ikun hemm ksur ta' liġi u mhux aċċettabbli li jkun hemm ksur ta' liġi.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** M'iniex qiegħda ngħid li għandhom jiksru l-liġi.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Fhimt il-punt. L-Onor. Coleiro qiegħda tagħmel il-punt li aħna rridu nkunu realistiċi, irridu nifhmu r-realtajiet ta' madwarna u meta nieħdu d-deċiżjonijiet irridu nikkunsidraw kollox anke l-impatt ta' dawk id-deċiżjonijiet. Naċċetta li dawk għandna npoġġuhom fil-miżien, pero` fil-miżien l-aktar piż qawwi huwa l-fatt li l-obbligi tal-liġi jridu jkunu onorati mill-koperativi kollha. Anzi mmur pass iktar 'il quddiem! L-esperjenza qiegħda tgħallimna li dawk il-koperativi li għal xi raġuni jew oħra ma segwewx l-obbligi tagħhom jew imxew b'metodi li m'humiex il-metodi ta' effiċjenza fin-negozju, dawk il-koperativi l-aktar li sabu ruħhom f'diffikultajiet.

L-esperjenza turik li min ma ppreżentax l-*accounts* fid-data stabbilita ma jkunx qiegħed imexxi l-affarijiet bis-serjeta` u għandna bżonn inbiddlu din il-kultura bil-għaqal u bil-mod. Ma nistgħux nippretendu li fil-qasam koperativ f'daqqa waħda nitfu *switch* u nixgħelu ieħor u nbiddlu l-mentalita`. Il-proċess irid ikun gradwat u li jwassalna pero` l-bidliet il-kbar ta' din il-liġi meta mqabbla mal-liġi l-antika huma li qegħdin intellgħu l-*istandards* tal-mod kif joperaw il-koperattivi. Allura kull min jaħdem b'dan il-mudell irid jifhem li biex jikkompeti jrid jikkompeti b'dawn ir-regoli l-ġodda li hemm bżonn li jidħlu u jiġu implimentati malajr kemm jista' jkun. Irid ikollok il-forza biex timplimentahom, jiġifieri mhux sempliċiment ix-xewqa imma l-forza u l-artiklu tal-liġi jagħti din il-forza.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Naqbel perfettament ma' dak li qiegħed jgħid il-Viċi-Prim Ministru, *cioe`* li l-koperativi jridu jaħdmu fil-parametri tal-liġi u mar-regolamenti l-ġodda tal-kompetizzjoni biex ikunu kummerċjalment vijabbli. Naqbel ukoll miegħu meta qal li ma tistax tbiddel il-mentalita` f'daqqa waħda u għalhekk insemmi l-każ tal-*Farmers' Wine Co-operative* għaliex dawn minn sitwazzjoni prekarja ppruvaw jerġgħu jqumu fuq saqajhom. Nittama li meta jiġu ċirkostanzi bħal dawn 'il quddiem, il-Bord jieħu in konsiderazzjoni dawn l-affarijiet għaliex ma ħadtx impressjoni tajba fil-jum Internazzjonali tal-Koperattivi meta smajt liċ-*chairperson* Dr. Baldacchino jitkellem qisu l-Bord wasal fil-limitu tiegħu ta' kemm jista' jissaporti. Nifhem li huwa qiegħed jerfa' ċerta responsabbilta` imma min-naħa l-oħra naħseb li jrid ikun realistiku, mhux li jħallihom jiksru l-liġi imma li ma jkunx il-Bord stess li jfalli xi koperativa minħabba deċiżjonijiet li ttieħdu.

**DR. DAVID FABRI:** Il-Bord amministrattiv ma jkollux interess li jidħol f'polemiċi u għalhekk bilfors ikun realistiku fid-deċiżjonijiet li jieħu. Hawnhekk qegħdin niddiskutu każijiet fejn l-eżasperazzjoni tkun waslet f'limitu. Koperativa ma tistax ma tagħmilx l-*accounts* kif suppost u jekk l-*accounts* jibdew jiġu sena jew sentejn tard imbagħad tasal f'limitu fejn ma tistax tibqa' sejjer hekk. Rigward il-fond tal-koperativi, jekk tagħmel ftit profitti allura se tħallas ftit. Il-kwestjoni tal-*Farmers' Wine* kienet li peress li l-koperativa kienet qiegħda tagħmel it-telf allura gawdiet mill-fond li kien stabbilit mill-profitti ta' ħaddieħor. Ma ninsewx li l-5% mill-profitti mhux se jmorru għand il-Bord jew għand il-Gvern.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Il-kwestjoni tal-*Farmers' Wine* hija iktar ikkumplikata għaliex kienu qegħdin jagħtu stampa ta' l-affarijiet li ma kinitx reali, bħal per eżempju, kienu jgħidu li għandhom tant *stock* u fil-fatt ma kienx veru.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Kif kienet il-liġi qabel kienet tgħid li l-koperativa jew aħjar il-persuna li tirrappreżentaha setgħet tappella quddiem il-Ministru u d-deċiżjoni ta' l-appell kienet tkun finali. Xi tfisser finali ma rridx nidħol fiha. Dan ma kienx appell feliċi għall-Ministru għaliex jiena ċert li l-ebda wieħed mill-Ministri ma jieħu pjaċir jiddeċiedi l-appelli. Niftakar ftit tal-ġimgħat ilu konna qegħdin niddiskutu l-liġi dwar is-sajd mal-Ministru Zammit u ddeċidejna li jkun hemm Bord ta' l-appell minn deċiżjoni tal-Bord dwar il-*fisheries*.

X'kienet il-pożizzjoni taħt il-liġi l-antika? Taħt il-liġi l-antika koperativa kellha l-fakulta` ta' appell quddiem il-Ministru u dik id-deċiżjoni kienet tkun finali. Rimedji oħra kienu miftuħa għall-koperativi pero` mhux se noqgħod ngħid kif tista' tmur quddiem il-qorti fil-Prim'Awla. Qabel kienu jgħidu li lill-*Public Service Commission* ma tistax ittellagħha l-qorti, illum bdejna ntellgħuha il-qorti ukoll. Dan ifisser li żvilupp legali pożittiv dejjem ikun hemm.
Quddiemna għandna Bord li huwa wieħed importanti, li naqblu fuqu u naqblu li għandu jiżviluppa. Irid ikun hemm ukoll id-dixxiplina għaliex mingħajr dixxiplina ma jkunx jista' jaħdem sew. Dan ifisser li jekk hemm bżonn jimponi multa amministattiva ta' Lm1,000 għandu jimponiha. Il-punt li rrid nagħmel huwa li qabel kellna appell li ma kienx feliċi imma issa spiċċajna mingħajr appell. L-argument tal-Ministru fil-bidu tad-diskussjoni tal-Kumitat li issa l-koperativi jistgħu jmorru quddiem il-qorti ma kinitx *novita`* għaliex dak il-bieb dejjem kien miftuħ. Ħalli nagħti eżempju sempliċi biex jifhimni kullħadd mingħajr ma nidħlu f'dibattiti legali għaliex m'għandniex għalfejn. Taħt il-liġi l-qadima jekk tkun ingħatat piena amministrattiva ta' Lm200, il-koperativa setgħet tmur quddiem il-Ministru li kellu l-poter li jbaxxiha.

Il-pożizzjoni kif inhi llum il-piena ma tistax tattakkaha l-qorti għaliex il-qorti m'għandhiex dak il-poter. Bħala Oppożizzjoni qegħdin ngħidu li għallinqas fejn tidħol il-piena amministrattiva, wieħed għandu jkollu *judicial review* ta' appell. Nixtieq nissuġġerixxi li fejn tidħol il-piena amministrattiva jkun hemm kostitwit Bord ta' appell biex ikun jista' jirrevedi biss dik il-piena. Dan ifisser li dan il-Bord ma jkollux il-kompetenza fuq punti legali u lanqas fuq il-mertu tal-każ, jiġifieri l-appell ma jkunx jista' jaqleb id-deċiżjoni tal-Bord. Kif qalu tajjeb l-Onor. Chircop u l-Onor. Coleiro, din il-klawsola qiegħda tgħidlek li għandek 21 ġurnata biex tgħidli għaliex m'għandix nimponi l-piena ta', per eżempju, Lm500 quddiem l-istess Bord.

Il-punt li qajmu l-Onor. Coleiro u l-Onor. Chircop fuq id-dewmien huwa wieħed importanti għaliex jinkludi l-finanzjament ta' dawn l-affarijiet. Mhux se nidħol f'dibattitu ieħor pero` kullħadd jaf li t-tariffi tal-qrati żdiedu. Jekk koperattiva teħel multa ta' Lm500, din mhux se toqgħod tiftaħ kawża għaliex xorta se tispiċċa teħilhom spejjeż. GĦalhekk fi ftit kliem qiegħed nissuġġerixxi emenda li għandu jkun hemm appell biex tiġi kkunsidrata l-piena.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur Preisdent, naqbel ma' dan is-suġġeriment u forsi aħjar inħallu l-klawsola posposta biex isir il-*wording*. Nagħmlu forma ta' appell jew *review* għal dak li għandu x'jaqsam mal-piena. Nipproponi li Klawsola 17 tiġi postposta

**THE CHAIRMAN:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-Kumitat qabel li din il-Klawsola tiġi posposta*

**Klawsola 19** – Abbuż ta' awtorita` jew ksur ta' fiduċja.

***Clause 19*** *– Abuse of authority or breach of trust*

*(Posposta fit-18 ta' Lulju 2001)*

**THE CHAIRMAN**: Hawn rimarki? (Onor. Membri: *No*) Il-mistoqsija hija emenda kif imressqa u moqrija mill-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "K" għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN**: Il-mistoqsija hija klawsola 19, kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 19, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 21 –** Soċjetajiet li jistgħu jiġu reġistrati.

***Clause 21*** *– Promotion of economic and other interests.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, hawnhekk ġejna għat-tielet parti ta' l-Abbozz fejn qegħdin nitkellmu dwar il-formazzjoni u r-reġistrazzjoni tas-soċjetajiet. L-artiklu 21 huwa bbażat fuq dak li kien l-artiklu 11 tal-liġi pero` b'diversi emendi. Dan l-artiklu jintroduċi fil-liġi ċertu prinċipji. Il-kollegi tiegħi jafu li mhux normali fil-leġislazzjoni Maltija li jkollok artiklu li jispjega l-prinċipji u jiena bħala avukat ma niddejjaqx nistqarr li dawn it-tip ta' klawsoli kultant ifixkluni. Pero` nifhem li huma proprju l-prinċipji u l-valuri li jmexxu l-moviment koperattiv. Allura filwaqt li bħala avukat nirrikonoxxi li klawsola bħal din hija biss linja ta' gwida iktar milli artiklu li tista' b'xi mod jew ieħor tinfurzah, fl-istess ħin bħala Ministru mill-aspett ta' *policy* nifhem li dan l-artiklu huwa importantissimu għaliex jagħti l-linji ta' gwida li għandhom imexxu lil kulħadd f'dak li għandu x'jaqsam mal-moviment koperattiv.

L-artiklu 21 partikolarment subartiklu (2), fejn jissemmew is-seba' prinċipji li jmexxu l-moviment koperattiv, għandu importanza mhux legali imma importanza ta' direzzjoni u ta' prinċipji li tajjeb li nirrikonoxxuhom. Qiegħed nenfasiżża dan il-punt f'dan il-Kumitat ħalli jkun *on record* il-fatt li kulħadd ikun mistenni li jinterpreta l-liġi sħiħa fid-dawl ta' dawn is-seba' prinċipji. Dawn is-seba' prinċipji ma ġewx ivvintati minn żniedna, jiġifieri huma l-prinċipji li jiggwidaw il-moviment koperattiv internazzjonali u huma rikonoxxuti bħala prinċipji ewlenin. Dawn prattikament huma meħuda kelma b'kelma mill-prinċipji espressi mill-organizzazzjoni internazzjonali ta' l-alleanza tal-koperattivi. Tajjeb nirrimarka li din il-klawsola daħlet kważi b'insistenza min-naħa tal-moviment tal-koperattiv ta' l-*APEX*.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Sur President, nixtieq ngħid prosit talli daħħlu dawn il-prinċipji għaliex wara kollox naħseb li l-liġi għandu jkollha element edukattiv u li twaddab b'mod tassattiv il-gwida fuq x'hiex nimxu. L-unika problema li għandi hija dwar il-kelma "koperativistiċi" għax ma naħsibx li hija kelma li tinsab fil-vokabularju Malti. Forsi nistgħu nsibu kelma aħjar minn din.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Liema?

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** F'klawsola 21 l-ewwel paragrafu u qiegħda ripetuta fis-subartiklu (2), "skond il-prinċipji koperativistiċi". Ma nistgħux ngħidu "tal-moviment koperattiv dinji" minflok?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, nipproponi emenda verbali:

> It-test Malti ta' klawsola 21 għandu jiġi emendat kif ġej:
>
> (a) fis-subklawsola (1) tagħha, minflok il-kelma "koperativistiċi" għandha tidħol il-kelma "koperativi"; u
>
> (b) fis-subklawsola (2) tagħha, fis-Sitt prinċipju, minflok il-kelma "koperativistiku" għandha tidħol il-kelma "koperativ".
>
> *The Maltese text of clause 21 shall be amended as follows:*
>
> *(a) in subclause (1) thereof, for the word "koperativistiċi" there shall be substituted the word "koperativi"; and*

*(b) in subclause (2) thereof, in the Sixth principle, for the word "koperativistiku" there shall be substituted the word "koperativ".*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija l-emenda verbali. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda verbali għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija klawsola 21 kif emendata verbalment. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 21, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 22 –** Formazzjoni**.**

***Clause 22** – Formation.*

**THE CHAIRMAN**: Rimarki? Il-Viċi-Prim Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

"M" Minflok is-subklawsola (1) tal-klawsola 22 għandu jidħol dan li ġej:

"Kull min ikun jixtieq jifforma socjeta` jista' jitlob lil xi uffiċjal tal-Bord li jgħinu fil-formazzjoni tas-soċjeta` proposta.".

*"M" For subclause (1) of clause 22 , there shall be substituted the following:*

*"(1) Persons wishing to form a society may request an officer of the Board to assist them in the formation of the proposed society.".*

Bidla importanti li qegħdin nagħmlu f'dan l-artiklu hija li n-numru minimu meħtieġ biex tifforma koperativa huwa ħamsa fejn qabel dan kien sebgħa. Qegħdin inkopru s-sitwazzjoni fejn ikollok soċjeta` koperativa terzjarja u qegħdin nipprovdu li soċjeta` jista' jkollha kumpannija sussidjarja tagħha. Subartiklu (3) ta' dan l-artiklu jirregola l-pożizzjoni f'każ li jkollok soċjeta` li jkollha kumpannija sussidjarja tagħha. Naħseb li l-artiklu huwa ċar biżżejjed.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Sur President, jista' l-Viċi-Prim Ministru jgħidilna r-raġuni għalfejn qiegħed jitniżżel in-numru minn sebgħa għal ħamsa? Naħseb li huwa pożittiv għaliex inkunu qegħdin ninkorraġġixxu, pero` din ħadniha minn x'imkien?

**DR. DAVID FABRI:** Wara diskussjonijiet li kellna ma' l-*APEX* iddeċidejna li ħamsa hija figura raġjonevoli.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Dwar leġislazzjoni barranija?

**DR. DAVID FABRI:** Dawk huma kollha differenti.

**ONOR. ANĠLU FARUGIA:** Per eżempju tal-Ġermanja kemm qiegħda?

**DR. DAVID FABRI:** Ivarjaw ħafna, m'hemmx regola.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Hemm ħafna argumenti x'tista' tagħmel. Tista' targumenta li moviment koperativ ifisser li trid numru ta' nies li jiffurmaw il-benniena tagħha u allura trid numru. Il-kontro-argument ta' dan huwa li fir-realta` Maltija u fid-dinja kompetittiva tal-lum, jaqblilna li

ninkoraġixxu lis-*self-employed* żgħar li jiġu flimkien għaliex flimkien għandhom saħħa ikbar. Nista' nsemmi setturi partikolari, per eżempju, is-settur tal-mastrudaxxi f'pajjiżna. Wieħed mill-iżviluppi l-iktar interessanti li jista' jkollna huwa kieku l-mastrudaxxi jaqblu bejniethom li jingħaqdu f'koperattivi. Minflok kull wieħed minnhom jixtri tliet magni li jiswew l-eluf tal-liri u jużaha darba fil-ġimgħa, bejniethom jixtru magna waħda u jużawha l-ġimgħa kollha bejniethom. Allura kien hemm min argumenta li nnaqqsu n-numru għal tlieta biex ninkorraġixxuhom iktar. X'imkien trid taqta' linja u naħseb li l-*consensus* finali li ħareġ bejn kull min daħal fil-proċess tad- diskussjoni kien fuq ħamsa. Il-koperattivi stess ma xtaqux iniżżlu n-numru esaġeratament.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Filwaqt li l-eżempju li tajt tal-mastrudaxxi jagħmel sens, fl-istess ħin irridu noqogħdu attenti li ma jkollniex min jabbuża. Naħseb li ħamsa huwa numru raġjonevoli.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Biex tikkonvinċi ħamsa li huwa *self-employed* jingħaqdu flimkien huwa ħafna iżjed diffiċli milli tikkonvinċi tlieta.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Qatt ma konna noħolmu li se jkun hemm ħwienet tal-merċa li jingħaqdu imma ngħaqdu.

**THE CHAIRMAN:** Hemm iżjed rimarki? (Onor. Membri: *No*) Il-mistoqsija hija l-emenda "M" kif imressqa u moqrija mill-Viċi-Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "M" għaddiet nem. con*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija klawsola 22, kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 22, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 23 –** Il-membri fundaturi.

***Clause 23 –*** *Founding members.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

"N" Fil-klawsola 23, minflok il-kliem "fundaturi ta' soċjeta` koperativa," għandhom jidħlu l-kliem "fundaturi ta' soċjeta`,".

*"N" In clause 23, for the words "members of a co-operative society,", there shall be substituted the words "members of a society,".*

Klawsola 23 tispjega x'għandu jsir u x'inhuma l-obbligi jew ir-responsabbiltajiet għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-ewwel membri ta' organizzazjoni. Is-subparagrafi kollha mill-"a" sa l-"ħ" huma l-obbligi u l-funzjonijiet ta' min ikun qiegħed iwaqqaf koperativa.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Qabel ma tiġi mwaqqfa jrid jagħmel laqgħa u jispjega dan kollu?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Il-*founding members* bejniethom meta jersqu biex japplikaw ħalli jirreġistraw il-koperativa tagħhom, iridu jiddeċiedu mill-ewwel x'tip ta' soċjeta` se jkollhom, jiġifieri jekk hijiex primarja jew terzjarja. Iridu jieħdu ċertu deċiżjonijiet li huma kruċjali u mingħajr dawk id-deċiżjonijiet ma jkunx definit il-mudell ta' koperativa li se jmexxu. Il-liġi qiegħda tobbligahom ukoll li qabel ma jiddeċiedu li jagħmlu koperativa, iridu jagħmlu analiżi ta' kemm hija vijabbli, jiġifieri mhux jaqbdu u jwaqqfu koperativa bl-addoċċ. Irid isir studju jew preparazzjoni minn qabel, speċi ta' *business plan*, li eventwalment il-Bord ikollu jitfa' fil-miżien biex jieħu deċiżjoni jekk jaċċettax ir-reġistrazzjoni ta' dik il-koperativa jew le.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Din kienet saret il-prattika allavolja ma kinitx minsuġa fil-liġi l-antika.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Il-Bord kien iħeġġeġ u jħeġġeġ ħafna lil min jersaq lejh biex jirreġistra koperativa biex qabel ma jieħu dak il-pass jagħmel l-istudji kollha li jkun hemm bżonn ħalli jkun stabbilit li l-proposta tkun waħda vijabbli u li se jkollha suċċess. Irridu nifhmu li l-filosofija warajha hija li aħna rridu li l-koperativi jkunu suċċess mhux falliment. Irridu ngħinuhom biex ikunu suċċess għaliex kull falliment ta' koperativa jfisser timbru ħażin lejn il-moviment koperativ kollu.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Fis-subartiklu (b) hemm miktub li jikkalkolaw kemm x'aktarx hemm membri u x'volum ta' kummerċ se jkun hemm. Meta ngħidu volum ta' kummerċ huwa l-ammont ta' *turnover* jew *units of production*?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Jiddependi minn xi tkun qiegħda tagħmel il-koperativa għaliex tista' tkun koperativa ta' servizzi, li tipprovdi servizzi ta' *management services* jew *marketing services*, tista' tkun *child care* u tista' tkun koperativa li timmanifattura, jiġifieri jiddependi min-negozju li jsir. Naħseb li l-(b) trid taqraha in konnessjoni mas-(c) għaliex hemm l-obbligu li jkun hemm *feasibility study* u allura fil-*feasibility* trid tagħmel kalkolu tat-*turnover* li se jkollok u x'volum ta' negozju se jkollok.

**MR CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija emenda kif imressqa u moqrija mill-Viċi-Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "N" għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija klawsola 23 kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 23, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abboz ta' Liġi.*

**Klawsola 24 –** Isem soċjeta` reġistrata.

***Clause 24 –*** *Name of registered society.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Mr. Chairman, nipproponi din l-emenda:

"O" Is-subklawsola (2) tal-klawsola 24 għandha tiġi emendata kif ġej :

(1) Fil-paragrafu (a) tagħha, minflok il-kliem ""koperativa" bħala parti" għandhom jidħlu l-kliem ""koperativa" jew it-taqsira "kop" bħala parti"; u

(2) Fil-paragrafu (b) tagħha, minflok il-kliem ""limitata" fit-tarf" għandhom jidħlu l-kliem ""limitata" jew it-taqsira "ltd." fit-tarf".

*"O" Subclause (2) of clause 24 shall be amended as follows:*

*(1) In paragraph (a) thereof, for the words ""co-operative" as part of", there shall be substituted the words ""co-operative" or the abbreviation "co-op" as part of"; and*

*(2) In paragraph (b) thereof, for the words ""limited" at the end of", there shall be substituted the words ""limited" or the abbreviation "ltd." at the end of".*

L-artiklu huwa meħud minn dak li kien l-artiklu 15 tal-Liġi l-antika, pero` hawnhekk qegħdin ngħidu li jkun hemm ċertu kontroll fuq l-isem li jintgħażel għall-koperativa. Qeħdin indaħħlu wkoll id-dritt li jekk

l-isem li jintgħażel joħloq konfużjoni ma' xi koperativa oħra jew ma' xi impriża oħra li jkollna fil-pajjiż allura l-Bord ikun jista' jirrifjuta li jirreġistra dak l-isem partikolari.

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija l-emenda kif imressqa u moqrija mill-Viċi- Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "O" għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija klawsola 24, kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 24, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 25 –** Poteri u dmirijiet tal-membri fundaturi.

***Clause 25 –*** *Powers and duties of founding members.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, għandi emenda:

"P" Fil-klawsola 25, minflok il-kliem "soċjeta` koperativa skond" għandhom jidħlu l-kliem "soċjeta` skond".

*"P" In clause 25, for the words "has registered a co-operative society ", there shall be substituted the words "has registered a society".*

L-artiklu 25 huwa meħud mill-artiklu 16 subartiklu (1) tal-liġi l-antika u hawnhekk qegħdin nitkellmu dwar id-drittijiet u l-poteri tal-membri fundaturi ta' organizzazzjoni. Qegħdin nagħmlu wkoll referenza għal artikli oħrajn tal-liġi li jirregolaw il-mod ta' kif jiġu eletti r-rappreżentanti fil-koperativi u kif ukoll dwar il-kumitat tat-tmexxija.

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija emenda kif imressqa u moqrija mill-Viċi-Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "P" għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN**: Il-mistoqsija hija klawsola 25, kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 25, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 26 –** Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

***Clause 26*** *– Application for registration.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, hawnhekk għandi żewġ emendi:

"Q" Il-paragrafu (d) tas-subklawsola (1) tal-klawsola 26 ghandu jigi mħassar.

"Q" *Paragraph (d) of subclause (1) of clause 26 shall be deleted.*

"R" Fil-paragrafu 13 ta' l-Ewwel Skeda minflok il-kliem "13. Konsultazzjoni ma' uffiċjal tal-koperativa" għandhom jidħlu l-kliem "13. Konsultazzjoni ma' ufficjal tal-Bord".

*"R" In paragraph 13 thereof, for the words "13. Consultation with co-operative officer" there shall be substituted the words "13. Consultation with an officer of the Board".*

Ir-raġuni hija għaliex iktar 'il quddiem hemm emenda għal mod kif tista' titwaqqaf l-APEX. Il-liġi qabel kienet tgħid li jrid ikollok maġġoranza tal-koperattivi eżistenti u maġġoranza tal-membri totali allura kien hemm *a double qualification*. Illum dak id-*double qualification* tneħħa u inti tista' tirreġistra APEX jekk inti jkollok maġġoranza sempliċi tal-membri tal-koperattivi reġistrati. Għalhekk l-artiklu (d) ma jibqax jagħmel sens. L-artiklu jgħid hekk:

> "*Every application for registration shall be submitted to the Board in the form set out in the first schedule. Such an application shall be signed in the case of the APEX organisation by individuals duly authorised in their behalf by more than 50% of all primary, secondary and tertiary co-operative societies enjoying at that time full registration in terms of article 29 and which are prospective members of the APEX organisation*.".

Din neħħejnieha għaliex hija *covered* x'imkien ieħor. Fl-artiklu 106 ta' l-Abbozz daħal titolu ġdid bin-numru 10 li qiegħed jirregola l-*APEX*. GĦalhekk is-subparagrafu (d) ta' l-artiklu 26 m'huwiex iżjed neċessarju għaliex issa r-reġistrazzjoni ta' l-*APEX organisation* hija regolata bil-parti l-ġdida fil-liġi. Dan ifisser li m'għadhiex kwestjoni ta' "*every application for registration shall be submitted to the Board in forms set out in the first schedule*" għaliex il-formazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-*APEX organisations* huma koperti b'dan it-titolu.

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija l-emenda kif imressqa u moqrija mill-Viċi- Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "Q" għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija emenda għall-iskeda. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda għall-iskeda għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija klawsola 26, kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 26, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 27 –** Informazzjoni addizzjonali.

***Clause 27 –*** *Additional information.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Din hija prattikament riproduzzjoni ta' l-artiklu 18 b'xi ftit emendi li kienu jeżistu taħt il-liġi l-antika. Din titratta l-poteri tal-Bord biex jitlob informazzjoni li għandu bżonn biex ikun jista' jirreġistra koperattiva.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Irrid niġbed ftit l-attenzjoni għal ċertu kliem. Erġajna għanda l-kelma "koperativistika" f'subartiklu (b), imbagħad hemm kelma oħra li ma nistax nifhem x'inhi, li hija l-kelma "dikjarazzjonijietvi".

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Bl-Ingliż qiegħda "*educational and advisory work pertaining to co-operative principles and practices already being carried out by them among the applicants for registration and prospective members*". Għandi emenda verbali:

> Fit-test Malti ta' klawsola 26, minflok il-kelma "dikjarazzjonijietvi", kull fejn tidher, għandha tidħol il-kelma "prospettivi".

*In the Maltese text of clause 26, for the word "dikjarazzjonijietvi", wherever it occurs, there shall be substituted the word "prospettivi".*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija l-emenda verbali. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda verbali għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija klawsola 27 kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

Klawsola 27, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**Klawsola 28** – Reġistrazzjoni proviżorja.

***Clause 28 –*** *Provisional registration.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

"S" Is-subklawsola (1) ta' klawsola 28 għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-proviso li hemm magħha għandu jiġi mħassar;

(b) minflok il-kliem "Meta l-Bord tal-Koperativi ikun sodisfatt" għandhom jidħlu l-kliem "Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 29 u għall-provvedimenti ta' dan l-Att, meta l-Bord tal-Koperativi ikun sodisfatt"; u

(c) minflok il-kliem "kif il-Bord jista' jistabbilixxi:" għandhom jidħlu l-kliem "kif il-Bord jista' jistabbilixxi.".

*"S" Subclause (1) of clause 28 shall be amended as follows:*

*(a) the proviso thereto shall be deleted;*

*(b) for the words "Where the Board is satisfied", there shall be substituted the words "Subject to subarticle (3) of article 29 and to the provisions of this Act, where the Board is satisfied"; and*

*(c) for the words "as the Board may determine: ", there shall be substituted the words "as the Board may determine.".*

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Qabel soċjetajiet koperativi privati kien se jkollhom il-jedd li jkunu reġistrati proviżorjament għal perjodu mhux itwal minn 18-il xahar filwaqt li dawk tal-Gvern kienu se jkunu reġistrati proviżorjament għal perijodu indefinit.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Din il-klawsola tfisser li malli tgħaddi din il-liġi rridu naqbdu l-koperativi kollha li għandna, jiġifieri tas-sinjali tat-toroq, ta' l-għamara li huma suċċess kbir u ngħidulhom li jridu jiddeċiedu x'se jagħmlu.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Aħna qegħdin ngħidu li minflok jibqgħu reġistrati proviżorjament jiġu reġistrati b'mod indefinit.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Din tfisser li jridu jirriżenjaw minn mal-Gvern.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Naħseb wieħed irid joqgħod attent minnha din il-klawsola. Jiena ta' l-idea li din ma ngħadduhiex issa.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Fl-aħħar laqgħa li kelli ma' l-*APEX* kien tqajjem dan il-punt. Il-pożizzjoni tiegħi ma' l-*APEX* kienet li din il-klawsola aħjar inħalluha għalissa u fil-każ nipposponuha. L-*APEX* xtaqu li din inneħħuha pero` fl-opinjoni tiegħi qegħdin nagħlqu wisq il-bieb u l-impatt ta' din tista' toqtol inizjattivi li sal-lum huma suċċess. Din tfisser li l-koperattivi li għandna reġistati bħalissa taħt l-iskemi proviżorji tal-Gvern ikollna nġiegħluhom jieħdu deċiżjoni li jaqilbu għall-iskema l-finali u allura ma jibqgħux proviżorji imma jiġu permanenti billi jirriżenjaw minn mal-Gvern jew inkella tagħlaq il-koperattiva.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Dawn il-koperattivi huma suċċess għaliex il-Gvern kiseb effiċjenza fil-qasam partikolari tax-xogħol tagħhom. Biex ngħati eżempju, qabel ma ffurmat il-koperativa tar-*road signs,* il-Gvern biex jagħmel *road sign* kien jieħu jumejn, illum għax hemm koperativa din qiegħda ssir f'siegħa. GĦalhekk il-Gvern mar għall-aħjar għaliex għandu l-effiċjenza, hemm *cost effectiveness* fil-prezz tal-prodott u l-ħaddiema qegħdin idaħħlu aktar flus fil-but. Meta jiġu applikati ċerti regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea, bħal per eżempju, il-*procurements regulations,* dawn il-koperativi kif jistgħu jiġu affettwati?

Jista' jkun li għada pitgħada xi *limited liability company* tiftaħ bir-*road signs* u tibda toffri l-prodott tagħha nofs il-prezz ta' dak li tkun qiegħda toffri l-koperativa. Li rrid ngħid huwa li l-problema m'hijiex għaliex se ġġiegħlhom jieħdu l-pass li jsiru koperativa imma li l-futur ta' dawn in-nies se jiġi mhedded. Jekk lil dawn in-nies se nġiegħluhom jidħlu fil-forma tassattiva ta' koperativa u jmorru għal rashom, se jinqatgħu mis-sigurta` li joffrilhom l-impjieg mal-Gvern. Naħseb li ħafna minnhom se jibżgħu u jiddeċiedu li jmorru lura f'dipartiment tal-Gvern anke jekk mhux relatat max-xogħol li normalment jagħmlu. Għalhekk il-Gvern se jitlef għax mhux se jibqa' jieħu l-effiċjenza u l-*cost effectiveness* globali tal-prodott. Apparti dan, l-inkwiet tiegħi huwa x'se jiġri minnhom dawn il-ħaddiema?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Il-fatti huma li l-esperiment kien irnexxa u kienet esperjenza pożittiva.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Huwa veru u per eżempju nieħu gost bil-progress fil-*laundry* ta' l-isptar meta nara l-lożor verament nodfa.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** L-intenzjoni qatt ma kienet li tidħol f'sitwazzjoni temporanja, tibqa' temporanju in eternita` bil-vantaġġi kbar li dik tagħtik anke meta tiġi biex tikkompeti. L-idea kienet dejjem li tgħaddi mill-esperjenza u jekk taraha pożittiva tieħu deċiżjoni. Jekk trid tibqa' ħaddiem tal-Gvern ibqa' ħaddiem tal-Gvern, pero` jekk l-esperjenza tal-koperativa hija pożittiva, qiegħed taqla' l-flus, sejjer tajjeb, ħu deċiżjoni u sir koperativa *in your full right*. Irridu nsibu t-triq tas-sens komun.

Naqblu li m'għandniex niddiskriminaw bejn koperativa u oħra. Naqblu li l-iskema tal-Gvern hija skema temporanja biex tħeġġeġ lil dak li jkun eventwalment jieħu deċiżjoni pero` għandu jkun hemm xi forma ta' *deadline*. GĦal mument ressaqt din l-emenda u jien stess esprimejt id-dubbju għax f'daqqa waħda rrealizzajt li qegħdin intajru l-*proviso* li tagħti d-dritt li tagħmel terminu. Dr. Fabri qiegħed jiġbidli l-attenzjoni għal emenda oħra li se titressaq għall-artiklu 29. B'din l-emenda se nkunu qegħdin indaħħlu f'artiklu 29 dak li nkunu qegħdin inneħħu minn artiklu 28 tal-*provisional registration.* Se naqbeż għall-artiklu 29 biex niftehmu aħjar. L-emenda għall-artiklu 29 subartiklu ġdid (3) tgħid hekk:

> "Soċjetajiet li jkunu mwaqqfa skond l-iskemi koperativi żviluppati mill-Gvern għall-impjegati pubbliċi għandhom ikunu reġistati f'reġistru separat li jkun identifikat għaldaqshekk b'mod ċar. F'dawk il-każijiet ikun il-Ministru b'konsultazzjoni mal-Bord li jistabbilixxi għalkemm żmien iddum reġistrazzjoni proviżorja bħal dik".

Hawnhekk ir-rakkomandazzjoni hija li jkun hemm terminu stabbilit li possibbilment ikun ivajra minn każ għall-ieħor, pero` finalment il-ħaddiema jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni. Hawnhekk qiegħed ninnota li kull m'għamilna huwa li ċaqlaqna l-*proviso* mill-artiklu 28 għall-artiklu 29. Qegħdin ngħidu li l-*provisional registration* li qabel kienet tiġi estiża mill-Bord b'mod awtomatiku u bla limitu, issa, peress li dawn huma ħaddiema tal-Gvern, il-Ministru jista' jistabbilixxi perjodu ta' żmien u jgħid li d-deċiżjoni trid tittieħed sa dik il-ġurnata.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Il-fatt li se nagħmlu liġi b'xi ħaġa temporanja qiegħda tinkwetani ħafna.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** L-aħħar laqgħa li kelli ma' l-*APEX* talbuni biex intajjar kompletament din il-klawsola.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Le, ma tistax tisforzahom.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Jien qiegħed inpoġġi l-karti kollha fuq il-mejda u qiegħed ngħid li ma qbiltx mal-pożizzjoni ta' l-*APEX*.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Naħseb li jekk se nagħmlu liġi b'element temporanju se nkunu qegħdin indirettament ngħidu lil koperativi biex jagħlqu. Apparti dan se jkunu kostretti jżarmaw anke bir-regoli ta' l-Unjoni li bilfors ikunu jridu jikkonformaw magħhom. Jekk dawn il-ħaddiema se jiġu sfurzati biex jieħdu deċiżjoni, se jitfarrku awtomatikament għaliex ħadd m'hu se jitlef is-sigurta` ta' l-impjieg tiegħu billi jitlaq minn mal-Gvern. S'issa l-Gvern kien jipprovdilhom ix-xogħol, imma f'daqqa waħda se ngħidulhom biex ifendu għal rashom u li l-bibien se jkunu miftuħin beraħ għas-suq kompetittiv mhux biss Malti imma anke barrani. Naqbel li dawn m'għandhomx jiġu sfurzati biex jirreġistraw għaliex inkella dawn il-koperativi jispiċċaw, pero` min-naħa l-oħra ma nistax nifhem, u spjegawhieli jekk hija xi ħaġa ta' l-avukati, kif jista' jkun li se nagħmlu liġi għal xi ħaġa li hija temporanja.

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Temporanja għaliex?

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Din hija temporanja għaliex din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa' għall-eternita`.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Għaliex le? Inti qiegħda tgħid li m'għandniex inħallu l-fakulta` ta' reġistazzjoni proviżorja għall-iskemi apposta għall-ħaddiema tal-Gvern?

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Iva. Din hija marbuta ma' din il-kwestjoni tal-Gvern u eżempju ċar huwa tal-*Maltacom*.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Il-*Maltacom* hija l-ewwel koperativa li nqatgħet għaliha taħt l-iskema.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jien naf ħaddiema fil-koperativa tal-*Maltacom* li għadhom fuq il-kotba tal-*Maltacom* u qegħdin hemmhekk.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** GĦandek żball Onor. Coleiro. Il-koperativa tal-*Maltacom* hija l-ewwel koperattiva taħt l-iskema "B". Hemm żewġ skemi li huma l-"A" u l-iskema "B". Taħt skema "A" tibqa' ħaddiem tal-Gvern għal perjodu ta' prova sakemm tieħu deċiżjoni u taħt l-iskema "B" għandek koperativa li titlaq mill-impjieg mal-Gvern u ssir koperativa reġistrata awtonoma. Il-koperattiva tal-*Maltacom* hija l-ewwel waħda li daħlet għal din it-triq u l-ħaddiema kollha li hemm fil-fatt telqu mill-*Maltacom* u issa huma membri f'koperattiva. L-oħrajn kollha, jiġifieri tal-*laundry*, tas-sinjali, tal-*furniture*, eċċ. għadhom taħt l-iskema "A".

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Punt ieħor li jinkwetani huwa dak tat-terminu. Ma rridx niġi interpretata li qiegħda nkun partiġġjana imma hemm ċerti affarijiet li qegħdin idejquni. In-nies ta' Kalaxlokk, per eżempju, ma kinux koperattiva imma bil-pubbliċita` li ngħatat fuqhom min-naħa tal-Gvern, jiġifieri li joqogħdu d-dar u jieħdu l-pagi, meta jmorru jagħmlu *interview*, kif jgħidulhom li kienu jaħdmu l-Kalaxlokk ma jimpjegawhomx.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** X'tipproponi Onor. Coleiro?

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jien lesta li nagħmel proposta iktar konkreta.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** M'għandix problema li nieqfu hawn.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jekk nieqfu hawn nilħaq nanalizza l-ħsibijiet li għandi f'moħħi u nipprova nikkonkretizzahom .

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, nieqfu hawn u qegħdin klawosla 28.

*Fit-8.55 p.m. id-diskussjoni fuq din il-klawsola kienet interrotta u baqgħet aġġornata.*